# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 184/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**ABDULLAHI JIMALE HASSAN**
**(ID: 43988A)**

**Illum, 27 ta' April 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat ABDULLAHI JIMALE HASSAN detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0043988A tressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar it-tmintax (18) ta' Marzu 2020, għal-ħabta nofsinhar (12:00hrs) waqt li kien fi Triq Ħal Qormi l-Ħamrun ikkommetta serq ta' *mobile phone*, mediċinali, magna taż-żokkor u flus liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u

sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Wayne Caruana u/jew persuna/i oħra;

2. u aktar talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2020, għal-ħabta tas-siegħa u kwart ta wara nofsinhar (13:15hrs) waqt li kien fil-ħanut *Francis Store* fi Triq il-Marsa, l-Marsa ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) għad-detriment ta' Francis Borg u/jew persuna/i oħra;

3. u aktar talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2020, għal-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (08:30hrs) waqt li kien fi Triq il-Marsa, l-Marsa ikkommetta serq ta' *mobile phone* liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Bernice Scerri u/jew persuna/i oħra;

4. u aktar talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2020, għal-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs) waqt li kien fi Triq Patri Magri, l-Ħamrun ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Joseph Cutajar u/jew persuna/i oħra;

5. u aktar talli nhar is-seba' (07) ta' April 2020, għal-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) waqt li kien fi Triq is-Salib tal-Marsa, l-Marsa ikkommetta serq ta' *mobile phone* liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li

jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Alessandro Ciantar u/jew persuna/i oħra;

6. u aktar talli nhar l-erbatax (14) ta' April 2020, għal-ħabta ta' nofsinhar neqsin kwart (11:45hrs) waqt li kien fi Triq Ħal Qormi l-Ħamrun ikkommetta serq ta' *mobile phone* liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Carmel Dingli u/jew persuna/i oħra;

7. u aktar talli nhar is-sittax (16) ta' April 2020, għal-ħabta tas-sitta neqsin kwart filgħaxija (17:45hrs) waqt li kien fil-ħanut *Pawlu Pet Shop* fi Triq il-Marsa, l-Marsa ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) għad-detriment ta' Silvana Genovese u/jew persuna/i oħra;

8. u aktar talli nhar id-disgħa (09) ta' Mejju 2020, għal-ħabta tal-ħdax neqsin kwart filgħodu (10:45hrs) waqt li kien fil-ħanut *Ivan's Fruit and Vegtables* li jinsab fi triq Guze' Pace, Ħamrun, ikkommetta serq ta' kartiera bil-flus, għad-detriment ta' Carmela Spiteri u/jew persuna/i oħra;

9. u aktar talli nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2020, għal-ħabta ta l-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu (09:45hrs) waqt li kien fil-ħanut *Tal-Goli Bakery* fi Triq Fra Gaetano Pace Forno, Ħamrun, ikkommetta serq ta' *mobile phone* liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u

erbgħa u disgħin Euro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2.329.37) għad-detriment ta' Christian Saliba u/jew persuna/i oħra;

10. u aktar talli nhar is-sbatax (17) ta' Mejju 2020, għal-ħabta ta l-għaxra u nofs ta filgħodu (10:30hrs) minn ġewwa Triq Manoel de Vilhena, Gżira, ikkommetta serq ta' kartiera li tikkontjeni flus, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Johnny Attard u/jew persuna/i oħra;

11. u aktar talli nhar l-għaxra (10) ta' April 2020 għal-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar u fiż-żminijiet ta' wara naqas milli jħares xi kondizzjoni imposta fuqu meta huwa inħeles kif hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 355AL tal-Kodiċi Kriminali;

12. u aktar talli nhar nhar is-sittax (16) ta' Mejju 2020 għal-ħabta tal-ħamsa u kwart ta wara nofsinhar (17:15hrs) ġewwa l-inħawi ta Triq San Tumas, il-Marsa, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta'wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali jew ta' Liġi oħra;

13. u aktar talli fil-lejl ta' bejn is-sbatax (17) ta' Mejju 2020 u t-tmintax (18) ta' Mejju 2020 għal-ħabta ta' nofs il-lejl, ġewwa Triq Pietru Xuereb, il-Ħamrun u/jew f' xi toroq oħra fil-viċinanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta'wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma

ħallewx jew fixklu waqt li jkun jagħmel iddmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali jew ta' Liġi oħra;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba ukoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet finalment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija b'żieda ma' kull piena li l-ħati jista' jingħata b'sentenza, tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili skond l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-Ufficjali Prosekuturi qraw l-akkuzi u konfermawhom bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti fattwalment issospendiet il-prezentata sabiex taghtih zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u fissritlu kjarament il-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi kollha li jinsab mixli bihom inkluz l-addebitu tar-recidiva, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat jidher li ammetta l-involviment tieghu fis-serqiet mertu tal-kaz waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija.  Qieset ukoll illi l-imputat huwa dizokkupat u lanqas ma

ghandu saqaf fuq rasu, tant illi huwa sostna li kkommetta dawn is-serqiet ghaliex ma ghandux flus lanqas biex jiekol. Hi x'inhi izda, ir-raguni ghaliex gew kommessi dawn is-serqiet, is-serq ma huwa qatt gustifikabbli, lanqas fic-cirkostanzi pjetuzi tal-imputat. B'zieda ma' dan jirrizulta mill-fedina penali tieghu illi l-imputat ilu hafna snin jghix hajja ta' kriminalita` ghaliex diga` skonta diversi sentenzi ta' habs effettiv wara li nstab hati ta' serq aggravat u ta' diversi reati ohrajn, bosta minnhom reati vjolenti.

Minn dan kollu l-Qorti ma ghandhiex dubju illi l-imputat mhuwiex kandidat eligibbli ghal sanzjoni fil-komunita` u hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva.

Ghall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset illi l-imputat ammetta l-htija tieghu ghal **xejn inqas minn ghaxar akkuzi ta' serq ilkoll, hlief wahda, akkuzi ta' serq aggravat** bi kwalifiki u f'cirkostanzi fejn il-ligi tivvjeta l-ghoti tal-piena fil-minimum taghha. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 20 tal-Kap. 9, ghal dawn l-akkuzi ma jistax jinghata piena inqas minn sittax-il xahar prigunerija. B'zieda ma' dan, l-imputat ammetta wkoll ghall-addebitu tar-recidiva u l-Qorti wara li rat l-atti tqis illi f'kull kaz jirrizulta illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d), 31, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2), 279(a), 280(1), 281(a), 284, 285, 289, 338(ee) u 355AL(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni qieghda ssib lil ABDULLAHI JIMALE HASSAN hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah hames (5) snin prigunerija effettiva.**

**Billi ma jirrizultax sodisfacjentement ippruvat il-valur ta' bosta mill-hwejjeg misruqa, u f'kull kaz, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Billi wkoll ma gewx mahtura esperti fil-proceduri, il-Qorti tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li saret a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**